MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2012

Numru. 216/2010

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JAMES GRECH**

**KONTRA**

**CARMELO VELLA ta’ 48 sena, iben Alfred u Teresa nee’ Mizzi, imwieled Tal-Pieta’ nhar it-13.06.1964, residenti fil-fond St Paul’s Court, Flat 9, Triq il-Qroll, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 319064M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **Carmelo Vella** li gie akkuzat talli nhar it-3 ta’ Marzu, 2010, ghall-habta tas-1745hrs, fil-Belt Valletta:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Gaetano Mercieca detentur tal-karta ta' l-identita' numru 890849M f'periklu car, hebb ghall-istess Gaetano Mercieca, persuna li ghalqet l-eta' ta' sittin sena u kkagunalu offizi hfief kif iccertifikat minn Dr B Flores Martin MD mic-Centru tas-Sahha Floriana, u dan bi ksur tal-Artikolu 221 u 22A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' Gaetano Mercieca detentur tal-karta ta' l-identita' numru 890849M u Rebecca Maria Gatt detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 335682M, weggaghhom bi kliem, b'gesti jew b'xi mod iehor, u dan bi ksur tal-Artikolu 252(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kien fis-sakra b'mod li ma setax jiehu hsieb tieghu nnifsu, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkotanzi, hebb kontra Gaetano Mercieca detentur tal-karta ta' l-identita' numru 890849M biex jingurjah jew idejqu u dan bi ksur tal-Artikolu 339(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ingurja jew hedded jew jekk ipprovokat, ingurja lil Gaetano Mercieca detentur tal-karta ta' l-identita' numru 890849M u lil Rebecca Maria Gatt detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 335682M b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur tal-Artikolu 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. U aktar talli b'hekk irrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema

sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula, u dan ai termini tal-Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja mposta mill-Qorti preseduta mill-Magistrat Dr Michael Mallia LL.D fil-25 ta' Jannar, 2009 f'dan li ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest, u dan taht garanzija personali ta' €1,500 u depozitu ta' €1,165 fost kundizzjonijiet ohrajn, kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti, u dan bi ksur tal-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. U aktar talli kiser kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja mposti mill-Qorti preseduta mill-Magistrat Dr Edwina Grima LL.D., fis-26 ta' Ottubru, 2009, f'dan li ma jikkommettix reat iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest, u dan taht garanzija personali ta' €5,000 u depozitu ta' €500 fost kundizzjonijiet ohra, kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur tal-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

10. U aktar talli kiser kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja mposta mill-Qorti preseduta mill-Magistrat Dr Antonio Mizzi LL.D. fl-20 ta' Jannar, 2010, f'dan li ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest, u dan taht garanzija personali ta' €20,000 u depozitu ta' €5,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur tal-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri, liema ammissjoni giet debitament ikkonfermata.

Fuq tali ammissjoni, gie anke ordnat li jigi redatt Pre-Sentencing Report li fil-fatt gie prezentat minn Marietta Lanzon bhala Dok ML. F'din is-seduta ghal darb'ohra l-imputat rega' kkonferma l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk il-Qorti hadet in konsiderazzjoni dak li kkonkludiet l-Ufficjal tal-Probation Marietta Lanzon, folio 88 (tergo).

Rat illi anke gie prezentat rapport ta’ Dr Joseph Spiteri, tabib psikjatriku fejn huwa rrakkomanda hekk:
“*Bil-kundizzjonijiet deskritti hawn fuq, jidher illi s-Sur Carmelo Vella ghandu bzonn ammont ta’ ghajnuna biex tghinu biex il-problemi ta’ l-alkohol u d-dipressjoni jigu kkontrollati. Huwa tajjeb illi huwa jkompli jiehu l-kura li kien inghata mit-tabib tieghu ghad-dipressjoni u li maz-zmien jibda jaghraf bil-mod il-bzonn li ghandu ghall-ghajnuna fil-kundizzjoni ta’ xorb eccessiv biex jevita li jerga’ jidhol f’dawn il-problemi.*

*Ghaldaqstant huwa rakkomandat illi s-Sur Vella jkun referut ghal xi agenzija bhal Sedqa biex ikun jista’ jiehu s-support mehtieg.*”

Rat anke n-nota ta’ sottomissjonijiet prezentata mill-partijiet, senjalament tad-Difiza, biex l-imputat ma jinstabx hati tal-ksur tal-kundizzjonijiet tad-digrieti tal-liberta’ provizorja, konsegwentement allura li hu ma jitlifx il-flejjes depozitati, kif ukoll il-garanziji minnu accettati.

Illi d-Difiza pero donnha nesiet illi moghti anke d-dritt ta’ konsulenza legali, l-imputat ammetta fl-interrogatorju l-kundizzjonijiet fuqu mposti.
Illi certament it-tliet digrieti ezebiti, kollha jimponu fihom li l-imputat ma jikkommettix reat iehor fiz-zmien illi huwa jkun ghadu taht arrest preventiv – ghal dan huwa ammetta, tant illi fl-statement jikkonferma sew il-granet, il-hinijiet, u l-lokalita’ fejn ghandu jiffirma, a folio 31.

Illi tenut ta’ dak kollu premess, din il-Qorti qieghda ssib htija wara li rat l-Artikoli 221, 222A, 252(1), 338, 339, 50, u 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Rat fir-rigward tal-piena, ukoll l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ disa’(9) xhur u ghall-konfiska tad-depoziti kollha u garanziji kif rizultanti mid-digrieti ezebiti, cioe’ ghas-somom ta’ skond Dok JG3 ghad-depozitu ta’ €500 u

garanzija ta' €5,000; Dok JG4 ghad-depozitu ta' €5,000 u garanzija ta' €20,000; u fil-konfront ta' Dok JG2 biss fil-konfront tal-garanzija fl-ammont ta' €1,500 in vista' li l-varjazzjoni tad-depozitu skond digriet tal-Qorti Kriminali qatt ma giet lilha ezebita.

Tirrakkomanda wkoll lid-Direttur tal-Habs, tenut kont tal-problemi li bihom hu afflitt l-istess Carmelo Vella, cioe' dak ta' xorb, illi huwa jircievi kull kura appozita, b'mod partikolari li jircievi kull kura apposita necesarja.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------